# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 12

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

L-Erbgħa 8 ta' Awwissu 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà

ASSENTI

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

12.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Stephen Sultana, tas-Sur Keith Tanti u tas-Sur Conrad Borg Manché u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 11 li saret nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018 kienu meħuda bħala moqrija.

12.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 12.3 Komunikazzjoni mill-President

12.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri dwar it-tieni avveniment sportiv li sar nhar il-Ħadd 5 t'Awwissu 2018. Huwa spjega kif dan l-avveniment kien jikkonsisti *f'open water swimming*, *canoeing* u kompetizzjoni bir-roti tal-BMX. Huwa fakkar lil membri preżenti dwar l-avveniment li jmiss li ser jinżamm f'Ottubru 2018 fejn ser tittella *Sports Day* bejn l-iskejjel li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun. Aktar dettalji dwar dan ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

12.3.2 Is-Sur Fenech Adami nforma lill-membri dwar laqgħa li kienet inżammet aktar kmien dakinhar mar-rappreżentanti ta' l-EMCS Ltd., mas-Sinjura Alison Mizzi u mas-Sinjura Carla Ciscaldi, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea.

12.3.3 Huwa spjega kif f'din il-laqgħa ġejna nfurmati dwar l-opportunitajiet li r-Reġjun jista' japplika għalihom. Fost dawn hemm in-Network of Towns u Town Twinning. Ir-rappreżentanta mill-kumpanija, EMCS Ltd., ppreparat applikazzjoni fejn it-tema hija Eurosceptisim. F'dan il-proġett ir-Reġjun ser ikun partner flimkien ma' l-Italja, Slovenia, Ungarija, Belgjum, Croazja, Serbia, Maċedonja. Mil-ħames temi li hemm, dan ir-Reġjun ser jiffoka fuq l-integrazzjoni.

12.3.4 Il-President qal li jekk din il-proposta tiġi approvata, dan ir-Reġjun ser ikollu l-opportunità li jattendi għall-avvenimenti barra minn Malta u kif ukoll iħejji programm ta' tliet ijiem f'Settembru 2019. Il-Baġit huwa ta' €150,000 pero kull partner jingħata somma skond kemm l-idea tkun oriġinali. Għal kull avveniment ikunu jistgħu jitilgħu sa ħames persuni. Għal din ir-raġuni, f'din il-laqgħa għandhu jkollna l-approvazzjoni sabiex b'hekk inkunu nistgħu ninfurmaw lill-EMCS Ltd. bil-miktub dwar dan.

12.3.5 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

12.3.6 Il-President spjega ukoll kif dan ir-Reġjun huwa eleġibli għat-*Town Twinning* peró peress li

l-ewwel data ta’ għeluq hija viċin wisq, f’Settembru li ġej, dan il-proġett ser napplikaw għalieħ f’Marzu 2019.

12.3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, żiedet tgħid li aktar ‘l quddiem ser tintbagħat komunikazzjoni bl-informazzjoni kollu li ntqal waqt din il-laqgħa.

## 12.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

12.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

12.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

## 12.5 Rapporti – *Financial Quarterly Report* – April sa Ġunju 2018

12.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, sejjaħ lill-Accountant tar-Reġjun, lis-Sur Daniel Galea, sabiex ikun jista’ jgħati spjegazzjoni dwar il-pużżizzjoni finanzjarja ta’ dan ir-Reġjun sa nofs is-sena 2018.

12.5.2 Is-Sur Daniel Galea spjega li dan ir-Reġjun kellu dħul ta’ madwar €88,000 li jikkonsisti fir-rimborż tas-salarji tar-Reġjun. Filwaqt li l-ħruġ kien ta’ madwar €147,000. Id-Defeċit ta’ €58,000 huwa ta’ natura rikurrenti.

12.5.3 Il-President staqsa jekk kienx hemm xi mistqosijiet minn-naħa tal-membri preżenti.

12.5.4 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqijsa, il-membri preżenti unanimament approvaw dan ir-rapport.

## 12.6 Vakanza – *Accounts Officer*

12.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li l-bord kompost mill-President flimkien mas-Sur Anthony Chircop u s-Sur Conrad Borg Manche flimkien mas-Segretarju Eżekettiv, is-Sinjura Galea ltaqgħu fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 17 ta’ Lulju 2018 sabiex isir l-intervista ma’ l-applikant.

12.6.2 Il-bord unanimament qabel li l-applikanta hija tajba għal dan l-irwol u għal din ir-raġuni, fuq approvazzjoni mill-membri preżenti, din għandha tiġi nfurmata dwar din l-approvazzjoni mingħand is-Segretarju Eżekuttiv u nkunu mgħarfa meta ser tibda l-impjieg tagħha ma’ dan ir-Reġjun.

12.6.3 Il-membri preżenti unanimament approvaw din id-deċizjoni.

## 12.7 Kuntratti fuq il-Kiri ta’ l-Uffiċċju tar-Reġjun

12.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda abboz ta’ ftehim għall-uffiċċju tat-Tribunal li ġie ppreparat min-Nutar Dott. Dorian Scibberras. Huwa spjega kif is-sid lest li jkompli jikri l-uffiċċju għal prezz ta’ €19,486 (VAT eskluża) fis-sena, għal perjodu ta’ tliet snin.

12.7.2 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan u għal din ir-raġuni dan l-abbozz għandu jiġi konkluż fil-ġimgħat li ġejjin.

## 12.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *E-mejl mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija*

12.8.1 Il-President spjega kif dan il-Kunsill ressaq it-talba tiegħu sabiex jemenda l-ammont li ntnefqet biex saru tabelli madwar ir-raħal u li kienet ġiet ippreżentat u approvata fil-laqgħa numru 10 ta' Ġunju 2018. L-ammont għandu jkun ta'€1,085.88 u mhux ta' €1,069.70.

12.8.2 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 12.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.8.1 Il-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 11A u 11B.

12.8.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 12.10 Mozzjonijiet

12.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 12.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-6:15pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 5 ta' Settembru 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 8 ta' Settembru, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |